IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2015
COM(2015) 337 final

2015/148 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2015) 135 final}
{SWD(2015) 136 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta**

Sabiex it-tibdil fil-klima jiġi ttrattat b'mod effettiv u jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq terminu twil biex l-emissjonijiet jitnaqqsu tal-anqas bi 80 % sal-2050, jinħtieġ progress kontinwu lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju b'opportunitajiet ġodda għal tkabbir u impjiegi. Bħala pass importanti f'dawn l-isforzi, f'Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.

L-implimentazzjoni ta' dan il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 huwa element prinċipali għall-bini ta' Unjoni Ewropea reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem li hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni tul is-snin li ġejjin. Fl-istess ħin, bil-ftehim dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u l-implimentazzjoni tiegħu permezz ta' din il-proposta, l-UE ħadet pass importanti lejn ftehim dwar it-tibdil fil-klima internazzjonali u b'saħħtu li se jiġi adottat f'Pariġi f'Diċembru 2015.

Il-qofol tal-qafas ta' politika għall-2030 huwa l-mira vinkolanti li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra globali domestiċi tal-UE tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Sabiex tintlaħaq din il-mira b'mod kosteffikaċi, is-setturi koperti mill-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) ser ikollhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom bi 43 % meta mqabbel mal-2005, filwaqt li s-setturi mhux ETS ser ikollhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom bi 30 % meta mqabbel mal-2005. Il-Kunsill Ewropew iddeskriva l-prinċipji ewlenin biex jinkiseb it-tnaqqis fl-EU ETS[1]. Din il-proposta toħloq il-qafas legali meħtieġ biex jiġu implimentati dawn il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, u tindirizza tliet kwistjonijiet ewlenin:

(1) Il-proposta tittraduċi l-mira ta' tnaqqis ta' gassijiet serra ta' 43 % fl-2030 fl-ETS f'limitu massimu li jonqos bi 2,2 % kull sena mill-2021 'il quddiem, li jikkorrispondi għal tnaqqis addizzjonali ta' madwar 556 miljun tunnellata ta' diossidu tal-karbonju fil-perjodu mill-2021 sal-2030 meta mqabbel mat-tnaqqis fis-sena attwali ta' 1,74 %.

(2) Il-proposta tibni fuq l-esperjenza pożittiva bir-regoli armonizzati implimentati sa mill-2013, billi tiżviluppa ulterjorment regoli prevedibbli, robusti u ġusti għall-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti lill-industrija biex jindirizzaw ir-riskju potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod adegwat. Ir-regoli proposti għandhom l-għan li jissalvagwardjaw il-kompetittività internazzjonali tal-industriji tal-UE li jużaw ħafna enerġija fit-tranżizzjoni gradwali lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju sakemm ma jitwettqux sforzi komparabbli f'ekonomiji ewlenin oħrajn, u jżommu l-inċentivi għal investiment fuq terminu twil f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. Minħabba li l-Kunsill Ewropew iddeċieda li s-sehem tal-kwoti rkantati ma għandux jonqos, in-numru ta' kwoti mingħajr ħlas għall-industrija huwa limitat, li jfisser li huma meħtieġa regoli mmirati sew. Dawn il-miri jinkisbu l-aktar bi tliet modi: *Allinjament aktar frekwenti tal-allokazzjoni bla ħlas mad-dejta dwar il-produzzjoni* se jiżgura li l-appoġġ jingħata lil kumpaniji u setturi li qed jikbru. *L-aġġornament tal-parametri referenzjarji* użati biex tiġi kkalkulata l-allokazzjoni bla ħlas se jirrifletti l-kapaċitajiet u l-progress teknoloġiku tal-industriji f'dan l-aħħar deċennju. Il-*lista ta' setturi* li qed jirċievu l-ogħla sehem tal-allokazzjoni bla ħlas sejra tkun immirata aktar lejn dawk l-aktar esposti għar-riskju potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li r-regoli dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jindirizzaw

[1] http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/145397.pdf

l-aktar il-kumpens għall-ispejjeż tal-karbonju diretti, il-proposta tindirizza wkoll l-ispejjeż tal-karbonju indiretti.

B'kunsiderazzjoni tat-taħlitiet ta' enerġija differenti tal-Istati Membri, ir-rikavat mill-EU ETS għandu jintuża għall-kumpens tal-ispejjeż tal-karbonju indiretti f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw parzjalment ċerti installazzjonijiet fis-setturi jew sottosetturi li ġew iddeterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku, fejn tali appoġġ huwa meħtieġ u proporzjonali u jinżamm l-inċentiv biex tiġi ffrankata l-enerġija u biex jiġi stimulat ċaqliq fid-domanda mill-elettriku "griż" għal dak "ekoloġiku".

Jeħtieġ li l-Protokoll u d-deċiżjonijiet ta' akkumpanjament adottati mill-Konferenza tal-Partijiet f'Pariġi jipprevedu l-mobilizzazzjoni dinamika tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini tal-kapaċitajiet għall-Partijiet eliġibbli, b'mod partikolari dawk bl-inqas kapaċitajiet. Il-finanzjament mis-settur pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jkompli jiżvolġi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti tal-klima. L-ammont ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jrid jiġi mmobilizzat ser jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità tal-kontributi maħsuba determinati fil-livell nazzjonali (INDCs) tal-Partijiet, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali.

Ir-rikavati mill-EU ETS għandu jintuża wkoll għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.

(3) Il-proposta fiha diversi mekkaniżmi ta' finanzjament biex jappoġġjaw l-atturi ekonomiċi fis-settur tal-enerġija u l-industrija fl-isfidi tal-innovazzjoni u tal-investiment li jiffaċċjaw fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. B'mod aktar speċifiku, il-proposta tissupplimenta l-appoġġ eżistenti għad-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u testendi dan għall-innovazzjoni ġdida fl-industrija. L-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tkompli tkun disponibbli għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija fi Stati Membri bi dħul aktar baxx u hemm stabbilit fond iddedikat biex jiffaċilita l-investimenti fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dan il-finanzjament addizzjonali jibni fuq l-esperjenza eżistenti bil-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-kuntest tal-EU ETS u, fejn rilevanti, jibni fuq karatteristiċi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS).

Din il-proposta tadatta wkoll id-Direttiva u s-setgħat kollha ddelegati preċedentement lill-Kummissjoni għat-twettiq permezz tal-Proċedura Regolatorja bi skrutinju, għas-sistema ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni miftiehma skont it-Trattat ta' Lisbona[2]. Fid-dawl tal-impenn tal-UE lejn Regolamentazzjoni Aħjar, id-delegazzjonijiet u l-atti ta' implimentazzjoni jinżammu biss fejn dawn huma essenzjali għat-tħaddim effettiv tal-EU ETS.

Din il-proposta ma tindirizzax kwistjonijiet relatati mal-kopertura tal-avjazzjoni fl-EU ETS. L-aġġustamenti għall-applikazzjoni tad-Direttiva għall-attivitajiet tal-avjazzjoni għandhom jitwettqu wara li jkun intlaħaq ftehim internazzjonali fl-Assemblea tal-ICAO fl-2016 dwar miżura bbażata fuq is-suq globali li trid tiġi implimentata sal-2020.

---

2 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011

Il-konsistenza ma’ dispożizzjonijiet ta’ politika eżistenti fil-qasam ta’ politika

F'termini ta' koerenza ma' politiki oħrajn fil-qasam tal-azzjoni klimatika, il-politiki dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija huma dawk l-aktar rilevanti. Iż-żewġ politiki jappoġġjaw bi sħiħ l-effikaċja ambjentali tal-EU ETS u s-sinerġiji bejn dawn il-politiki u l-EU ETS issaħħew permezz tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq miftiehma reċentement. B'mod partikolari, kif analizzat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, l-ilħuq b'mod kosteffettiv tal-mira globali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 40 % mqabbla mal-1990 teħtieġ kontribuzzjonijiet sostanzjali mill-enerġija rinnovabbli u miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija.

F'termini ta' koerenza mal-politika internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, huwa importanti li jkun innotat li l-EU ETS ipprezzat il-karbonju b'mod effettiv u tintuża b'mod wiesa' bħala mudell għal skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet madwar id-dinja, li jibbenefikaw mill-esperjenza miksuba tal-UE.

Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-proposta tipprovdi għall-implimentazzjoni ta' parti mill-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 bħala element prinċipali fil-kuntest tal-bini ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem.

Id-dekarbonizzazzjoni teħtieġ aġġustamenti. Il-politiki u l-fondi tal-UE jakkumpanjaw dawn l-aġġustamenti b'mod attiv. Minbarra l-miżuri relatati direttament mal-EU ETS, l-istrumenti tal-UE bħall-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi jew il-programm Orizzont 2020 kif ukoll il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) ukoll joffru finanzjament potenzjali għal investimenti f'innovazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, li jwassal għal riskju perċepit ta' duplikazzjoni tal-finanzjamenti. L-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fir-riżorsi kif ukoll ir-R&Ż huma oqsma ta' prijorità tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi li sejrin jiġġeneraw EUR 315-il biljun ta' investiment addizzjonali fl-UE fit-tliet snin li jmiss. Il-FEIS se jaħdem permezz ta' strumenti finanzjarji biss, u jsellef lil proġetti eżistenti lesti li jibdew fi żmien tliet snin u sejjer ikollu kamp ta' applikazzjoni usa' li jkopri varjetà ta' setturi bħall-ekonomija diġitali u l-edukazzjoni. Il-finanzjament tal-EU ETS huwa mfassal skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiżgura l-effikaċja tan-nefqa pubblika u jevita distorsjonijiet fis-suq. Il-politiki tal-UE dwar l-impjiegi, soċjali u l-kwalifiki jakkumpanjaw it-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni, inkluż permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Bażi ġuridika

L-Artikoli 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkonfermaw u jispeċifikaw il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima. Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-TFUE.

Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Id-Direttiva tal-EU ETS hija strument ta' politika tal-UE eżistenti li jkompli wara l-2020. Skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tal-proposta li temenda dan l-istrument jistgħu jinkisbu biss permezz ta' proposta mill-Kummissjoni fil-livell tal-UE.

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali, għalhekk hija meħtieġa koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika fil-livell Ewropew u, fejn possibbli, fil-livell globali. Aktar speċifikament, l-

azzjoni fil-livell tal-UE sejra twassal bl-aktar mod effettiv ir-riforma tas-suq tal-karbonju wara l-2020, tinċentivizza l-industrija biex tinvesti f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju filwaqt li tippreserva l-kompetittività internazzjonali tagħhom u s-suq intern tal-UE.

L-għanijiet ta' din id-Direttiva għalhekk ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri jekk jaġixxu unilateralment, iżda tista' minflok, għal raġunijiet tal-iskala u l-effetti tad-Direttiva, tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Proporzjonalità

Kif stabbilit fil-valutazzjoni tal-impatt, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-implimentazzjoni b'mod kosteffettiv tal-mira tal-UE ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 filwaqt li fl-istess ħin tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

L-għażla tal-istrument

L-għanijiet ta' din il-proposta jistgħu jintlaħqu l-aħjar permezz ta' Direttiva. Din hija l-istrument legali l-aktar xieraq biex isiru emendi għad-Direttiva tal-EU ETS eżistenti (id-Direttiva 2003/87/KE).

Direttiva teħtieġ li l-Istati Membri jilħqu l-għanijiet tagħhom u jimplimentaw il-miżuri fis-sistemi legali sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom. Dan l-approċċ jagħti lill-Istati Membri aktar libertà fl-implimentazzjoni ta' miżura tal-UE milli Regolament, minħabba li l-Istati Membri titħallielhom l-għażla tal-aktar mod xieraq biex jimplimentaw il-miżuri fid-Direttiva. Dan jippermetti l-Istati Membri jiżguraw li r-regoli emendati huma konsistenti mal-qafas legali sostantiv u proċedurali eżistenti tagħhom li jimplimenta l-EU ETS, b'mod partikolari dak li jirregola l-permessi tal-installazzjonijiet kif ukoll il-miżuri ta' infurzar u l-penalitajiet.

Fl-aħħar nett, l-għażla ta' Direttiva bħala l-istrument xieraq hija konformi wkoll mal-prinċipju li għandu jkun hemm l-inqas intervent possibbli, sakemm jinkisbu l-għanijiet.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONÈRNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-evalwazzjonijiet *ex-post* /il-verifiki tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Is-sejbiet preliminari ta' studju li jevalwa d-Direttiva tal-ETS eżistenti f'termini ta' rilevanza, effikaċja, effiċjenza, valur miżjud tal-UE u koerenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni jindikaw li b'mod globali l-EU ETS bħala għodda ta' politika li tikkombina r-regolamentazzjoni ambjentali ma' strument tas-suq qed taħdem fil-prattika u tagħti riżultati tajbin dwar il-miri tagħha. Din hija rilevanti ħafna għall-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-UE, għaliex tirrapreżenta mod kosteffettiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-emissjonijiet fis-setturi koperti naqsu b'mod stabbli, u anke jekk mhux it-tnaqqis kollu tal-emissjonijiet jista' jkun attribwit lill-EU ETS biss, hemm evidenza li s-sistema tikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

L-EU ETS tiffaċilita l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż tas-CO_2. Din għandha rwol meta jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, anki jekk bil-prezz baxx tal-karbonju attwali, l-ispejjeż tas-CO_2 ħafna drabi huma inklużi fil-pakkett ġenerali tal-ispejjeż tal-enerġija. Titjib iżgħar f'termini ta' effiċjenza tal-gassijiet serra sar prattika regolari, iżda l-investimenti aktar kbar fl-effiċjenza tal-gassijiet serra jibqgħu l-eċċezzjoni.

Barra minn hekk, l-EU ETS għandha valur miżjud tal-UE ċar minħabba li s-sistemi differenti jew politiki oħrajn dwar it-tibdil fil-klima fil-livell tal-Istati Membri jwasslu għal sitwazzjoni

frammentata u għalja għall-entitajiet regolati, kif ukoll għal livelli ta' ambizzjonijiet u prezzijiet tal-karbonju differenti madwar l-UE, li jwassal ukoll għal kumplessità amministrattiva. L-EU ETS bi prezz tal-karbonju ġenerali fl-UE u l-infrastruttura armonizzata tagħha tieħu vantaġġ mis-sinerġiji li l-azzjoni tal-UE tista' tagħti.

Madankollu, l-implimentazzjoni tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 u l-istabbiliment tal-limitu massimu fil-livell tal-emissjonijiet li jwassal għal tnaqqis ta' 43 % mqabbel mal-2005, jeħtieġu bidliet għall-qafas eżistenti. Dan jinkludi prinċipalment bidliet fil-fattur ta' tnaqqis lineari annwali li jnaqqas il-livell massimu tal-EU ETS mill-2021 'il quddiem, l-allokazzjoni bla ħlas u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, is-sehem tal-kwoti li jiġu rkantati kif ukoll mekkaniżmi ta' finanzjament għal livelli baxxi ta' emissjonijiet.

Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Fil-passi differenti tal-iżvilupp ta' din il-proposta, kienu involuti l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-NGOs, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi, it-trejdjunjins u ċ-ċittadini. Bħala kumpliment għall-konsultazzjoni pubblika għall-qafas għall-2030, twettqet konsultazzjoni ta' segwitu estensiva mal-partijiet ikkonċernati dwar aspetti tekniċi differenti tad-dispożizzjonijiet tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal wara l-2020, kif ukoll dwar aspetti relatati mal-appoġġ għall-innovazzjoni. Il-Kummissjoni kisbet għarfien importanti minn konsultazzjoni bil-miktub għal kummenti minn Mejju sa Lulju 2014[3] u minn tliet laqgħat ma' partijiet ikkonċernati li saru f'Ġunju, Lulju u Settembru 2014[4] li ffukaw fuq ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Is-sejbiet ta' din il-konsultazzjoni huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web li ġej:

http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/cap/leakage/documentation_en.htm

Din kienet segwita minn konsultazzjoni onlajn miftuħa għall-kummenti minn Diċembru 2014 sa Marzu 2015 li ffukat l-aktar fuq aspetti oħrajn tal-EU ETS, bħall-kontinwazzjoni tal-allokazzjoni bla ħlas għas-settur tal-enerġija, l-esperjenza miksuba mill-NER300 applikabbli għall-Fond għall-Innovazzjoni futur u l-estensjoni tiegħu għal proġetti ta' innovazzjoni industrijali, l-istruttura ta' governanza tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, l-esperjenza bl-esklużjoni mhux obbligatorja ta' emittenti żgħar mill-ETS fil-fażi 3, it-tariffi għar-reġistru tal-Unjoni u l-evalwazzjoni ġenerali tal-EU ETS. Il-Kummissjoni rċeviet iżjed minn 500 kontribuzzjoni minn spettru wiesa' ta' partijiet ikkonċernati. Ir-riżultati ta' din it-tieni konsultazzjoni huma rrapportati fit-Taqsima 1.3.2. u fl-Anness 3 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta[5] u ngħataw kunsiderazzjoni għall-proposta attwali sa fejn possibbli.

B'mod ġenerali, il-konsultazzjonijiet pubbliċi wrew appoġġ wiesa' għall-EU ETS bħala strument ta' politika.

Rigward l-allokazzjoni bla ħlas u l-indirizzar tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, numru ta' partijiet ikkonċernati tal-industrija jiffavorixxu bidliet limitati għas-sistema attwali, filwaqt li partijiet interessati oħrajn, li jinkludu l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, jemmnu li huma meħtieġa miri addizzjonali jew aktar armonizzazzjoni. B'kunsiderazzjoni ta' dawn il-kummenti, il-proposta tipprovdi għal bidliet limitati għar-regoli eżistenti, iżda approċċ aktar immirat lejn l-allokazzjoni bla ħlas, aġġornament tal-parametri referenzjarji bbażat fuq il-progress teknoloġiku miksub maż-żmien filwaqt li tiġi żgurata

[3] Sommarju tas-sejbiet u s-sottomissjonijiet individwali jinsabu fuq is-sit web tad-DĠ Azzjoni Klimatika http://ec.europa.eu/clima/consultations/articles/0023_en.htm

[4] Reġistrazzjonijiet tal-laqgħat u l-preżentazzjoni jinsabu fuq is-sit web tad-DĠ Azzjoni Klimatika: http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/cap/leakage/documentation_en.htm

[5] SEC(2015)XXX

protezzjoni xierqa tal-kompetittività internazzjonali tal-industrija. Fl-istess ħin, il-proposta tippermetti allinjament aħjar tal-allokazzjoni bla ħlas mal-livelli attwali ta' produzzjoni permezz ta' kalkolu aktar frekwenti tal-allokazzjonijiet individwali.

Rigward il-Fond għall-Innovazzjoni, il-partijiet ikkonċernati tal-enerġija u tal-industrija jilqgħu b'mod ġenerali l-appoġġ kontinwu għal innovazzjoni b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi l-industrija riflessi fil-proposta. Il-fehmiet varjaw dwar kif l-approċċ ta' kondiviżjoni tar-riskju jista' jkun imfassal apposta għall-industrija jew għas-CCS biex itejjeb l-effikaċja meta mqabbel mal-mekkaniżmu attwali tal-NER 300. Il-proposta tindirizza tali tħassib billi tippermetti appoġġ fi stadju bikri fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett u rata ogħla ta' appoġġ.

Rigward il-Fond għall-Modernizzazzjoni, il-fehmiet dwar l-istruttura xierqa ta' governanza wkoll varjaw sa ċertu limitu. Ċerti partijiet interessati jappoġġjaw rwol prinċipali għall-Istati Membri benefiċjarji fil-ġestjoni tal-Fond, filwaqt li oħrajn jitolbu għal rwol aktar b'saħħtu għall-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-proposta toħloq bilanċ raġonevoli bejn il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament effiċjenti tal-proġetti fl-Istati Membri benefiċjarji minn naħa waħda, u li jiġi żgurat li l-interessi tal-Istati Membri kollha u l-kompetenza tal-BEI min-naħa l-oħra, jinġiebu flimkien biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-enerġija.

Rigward l-allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja lis-settur tal-enerġija, il-parteċipanti tas-suq ġeneralment jappoġġjaw regoli razzjonalizzati u ssimplifikati, kif ukoll linji gwida dwar ir-rapportar armonizzati biex itejbu t-trasparenza tal-mekkaniżmu. Din il-ħtieġa għal iżjed trasparenza u regoli aktar ċari hija riflessa kif dovut fil-proposta, b'mod partikolari, billi din tippermetti l-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar l-investimenti riċevuti mill-Istati Membri.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

F'termini ta' kompetenzi esterni, il-Kummissjoni tibbaża fuq l-ammont dejjem jikber ta' riċerka empirika evalwata bejn il-pari dwar l-EU ETS. Barra minn hekk ġabret kompetenzi minn studju dwar l-evalwazzjoni tal-ETS, ikkummissjonat fl-2014 u mwettaq minn konsorzju mmexxi minn ICF International[6]. Barra minn hekk, fl-2014[7], kien ikkummissjonat studju biex jivvaluta l-kwistjoni tal-ispejjeż li jiġu mgħoddija mis-setturi industrijali lill-klijenti downstream tagħhom u biex jiddetermina l-fatturi li jinfluwenzaw tali kapaċità biex jiġu mgħoddija l-ispejjeż permezz tal-kwantifikazzjoni tagħha għas-setturi tal-industrija ewlenin li jużaw ħafna enerġija. Kien ikkummissjonat studju[8] ieħor biex jevalwa l-esperjenza miġbura bil-proċess ta' allokazzjoni armonizzat ibbażat fuq parametri referenzjarji, u b'mod partikolari biex jevalwa jekk il-parametri referenzjarji laħqux l-għanijiet maħsuba. Fl-2013, kien ikkummissjonat studju[9] biex jivvaluta l-evidenza għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-perjodu mill-2005 sal-2012 għal għaxar setturi ewlenin ta' industrija li tuża ħafna enerġija. Is-sejbiet ta' dawn l-istudji huma diskussi fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta.

6 ICF International, Umweltbundesamt, SQ Consult, Ecologic Institut, Vivid Economics and ZEW – ħidma li għadha għaddejja

7 "Study on different pass-through factors to assess the impact of the EU ETS carbon cost" ("Studju dwar fatturi differenti ta' mgħoddija tal-ispejjeż għall-valutazzjoni tal-impatt tal-ispejjeż tal-karbonju tal-EU ETS")– ħidma li għadha għaddejja

8 "Assessment of the first years of the functioning of the new allocation system based on benchmarks" ("Valutazzjoni tal-ewwel snin tal-funzjonament tas-sistema ta' allokazzjoni ġdida bbażata fuq parametri referenzjarji") – ħidma li għadha għaddejja

9 Carbon Leakage and Competitiveness Assessment, Ecorys, 2014 (http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/cap/leakage/docs/cl_evidence_factsheets_en.pdf)

Fil-valutazzjoni tal-impatt intużat ukoll dejta vverifikata li waslet mill-Istati Membri biex tiġi ddeterminata l-allokazzjoni bla ħlas fil-fażi 3.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Direttiva proposta hija akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, li tibbaża l-aktar fuq is-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt komprensiva dwar il-qafas għall-2030[10], fejn tiffoka fuq ċerti elementi metodoloġiċi speċifiċi għall-ETS li kienu għadhom ma ġewx ivvalutati.

Skeda tas-sommarju għall-valutazzjoni tal-impatt, sommarju eżekuttiv u l-opinjoni pożittiva tal-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt se jkunu disponibbli għall-pubbliku. Il-valutazzjoni tal-impatt twettqet għal numru ta' aspetti li fuqhom il-Kunsill Ewropew ta gwida strateġika fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-qafas għall-2030. Din tinkludi l-indirizzar tar-riskju potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, it-twaqqif ta' Fond għall-Modernizzazzjoni u Fond għall-Innovazzjoni, allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja għall-immodernizzar tas-settur tal-elettriku fl-Istati Membri bi dħul aktar baxx, kif ukoll aspetti li jibbażaw fuq l-esperjenza miksuba sa mill-2013, bħall-validità tal-kwoti ta' emissjoni, il-garanzija ta' reġistru robust u sikur u l-kontinwazzjoni tal-esklużjoni mhux obbligatorja ta' emittenti żgħar.

Għall-indirizzar tar-riskju potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, tqiesu firxa ta' għażliet li jikkonċernaw l-aġġornament tal-parametri referenzjarji, aġġustamenti fil-livelli ta' produzzjoni, klassifikazzjoni tas-setturi fi gruppi ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u kumpens għall-ispejjeż indiretti. Għall-Fond għall-Innovazzjoni, l-għażliet iffukaw fuq il-mod kif il-proġetti huma analizzati u magħżula, u l-mod kif jingħata l-appoġġ finanzjarju. Għall-Fond għall-Modernizzazzjoni, ġew ikkunsidrati l-għażliet dwar il-governanza tiegħu. Rigward l-allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja lis-settur tal-enerġija, ġew żviluppati għażliet għat-titjib tal-modalitajiet tagħha u għat-tisħiħ tat-trasparenza mqabbla mal-prattika attwali.

F'termini ta' impatti, l-ambizzjoni ambjentali tal-EU ETS hija ddeterminata permezz tal-limitu massimu u l-bidla proposta tal-fattur ta' tnaqqis lineari tiżgura li tintlaħaq il-mira ewlenija miftiehma ta' tnaqqis ta' 43 % mqabbla mal-2005 għas-setturi taħt l-EU ETS. Il-fatt li l-kontribuzzjoni li l-EU ETS għandha tagħmel lill-mira globali ta' tnaqqis għall-2030 għall-UE diġà ġiet stabbilita, jikkontribwixxi għall-fatt li l-impatt globali kien indipendenti mill-għażliet ta' politika vvalutati.

In-negozji koperti mill-EU ETS huma affettwati direttament. L-impatti settorjali fis-setturi industrijali ewlenin mill-EU ETS ivarjaw sa ċertu punt skont l-għażliet. Madankollu, l-għażliet ta' politika li jbaxxu l-ispejjeż u l-impatti fuq ċerti setturi industrijali normalment jirriżultaw fi spejjeż u impatti aktar għoljin għal setturi industrijali oħrajn minħabba li n-numru totali ta' kwoti li huma disponibbli mingħajr ħlas huwa limitat. Il-proposta tipprovdi wkoll opportunitajiet għall-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, u għall-manifatturi ta' tagħmir għal teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. B'mod partikolari, finanzjament addizzjonali għal teknoloġiji innovattivi se jiġġenera opportunitajiet ta' negozju ġodda.

- **L-idoneità u s-simplifikazzjoni regolatorja**

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni lejn Regolamentazzjoni Aħjar, il-proposta tħejjiet inklussivament, fuq il-bażi ta' trasparenza sħiħa u impenn kontinwu mal-partijiet interessati, is-smigħ ta' feedback estern u l-kunsiderazzjoni tal-iskrutinju estern biex jiġi żgurat li l-proposta toħloq il-bilanċ ġust (ara wkoll it-taqsima dwar il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi).

[10] SWD(2014) 15 final

Filwaqt li l-maġġoranza tal-installazzjonijiet taħt l-EU ETS huma fl-industriji enerġetikament intensivi bi strutturi tas-suq ikkaratterizzati minn intrapriżi kbar, il-proposta tipprovdi wkoll għal emittenti żgħar, li jistgħu jkunu fis-sjieda ta' SMEs jew mikrointrapriżi: Minbarra r-regoli eżistenti li jnaqqsu l-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' monitoraġġ u rapportar tal-emissjonijiet, tali installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi jibbenefikaw mill-kontinwazzjoni proposta tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jeskluduhom mill-EU ETS jekk ikunu soġġetti għal miżuri nazzjonali li jwasslu għal kontribuzzjoni ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din tikkontribwixxi għall-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[11].

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-EU ETS tiġġenera dħul sinifikanti għall-baġits tal-Istati Membri. Il-proposta taffettwa l-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali l-aktar minħabba din il-konnessjoni. It-tħaddim sikur tar-reġistru tal-Unjoni huwa ffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni. Hemm ukoll impatt żgħir u limitat fuq il-baġit tal-UE li huwa, madankollu, kopert bis-sħiħ mill-QFP tal-2014-2020 attwali.

5. ELEMENTI OĦRAJN

Il-pjanijiet u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-arranġamenti tar-rappurtar

It-twassil tal-qafas għall-enerġija u l-klima għall-2030 se jkun inkluż fil-proċess ta' governanza u monitoraġġ integrat taħt l-Unjoni tal-Enerġija.

L-Artikolu 10(5) tad-Direttiva attwali jeħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-funzjonament tas-suq tal-karbonju Ewropew u tissottometti kull sena rapport korrispondenti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fil-kuntest tal-proċess ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni se tkompli wkoll id-djalogu tagħha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Ladarba d-Direttiva proposta tkun ġiet adottata, il-Kummissjoni sejra tkompli tissorvelja l-qafas legali li jkun qed jittrasponi l-obbligi skont l-EU ETS fl-Istati Membri kif ukoll l-implimentazzjoni ta' obbligi speċifiċi. Għal dan il-għan, l-Artikolu 21 jipprevedi li kull sena, l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Il-proposta ma tbiddel l-ebda wieħed mir-rekwiżiti ta' rapportar ta' hawn fuq. Madankollu, din tipprevedi rekwiżiti oħrajn ta' rapportar speċifiċi għall-Istati Membri, pereżempju, għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti lis-settur tal-enerġija u l-finanzjament ipprovdut permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għall-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija fl-Istati Membri bi dħul baxx. Dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar huma mfassla biex itejbu u jiggarantixxu t-trasparenza tal-implimentazzjoni tal-investimenti appoġġjati.

---

[11] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

Fl-aħħar nett, se titwettaq evalwazzjoni *ex-post* ladarba l-miżuri mressqa mill-proposta jkunu implimentati bi sħiħ fl-Istati Membri u jkunu ilhom jintużaw għal perjodu sinifikanti ta' żmien.

Id-dokumenti ta ' spjegazzjoni

Id-Direttiva proposta tistabbilixxi miżuri speċifiċi li jemendaw il-modalitajiet eżistenti tal-EU ETS. Hemm bosta obbligi legali li jirriżultaw mid-Direttiva proposta. It-traspożizzjoni effettiva tagħha għalhekk sejra tirrikjedi li jsiru emendi speċifiċi u mmirati għar-regoli nazzjonali rilevanti. Madankollu, sabiex il-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni korretta, jista' jkun li f'ċerti każijiet ma jkunx biżżejjed li l-Istati Membri jittrażmettu t-test tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali emendati. Fejn xieraq, il-proposta tista' għalhekk teħtieġ Dokumenti ta' Spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni tagħha.

Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-elementi ewlenin tad-Direttiva tal-EU ETS li huma emendati permezz tal-proposta huma dawn li ġejjin:

Fattur ta' tnaqqis lineari (l-Artikolu 9)

Il-fattur ta' tnaqqis lineari huwa mibdul għal 2.2 % mill-2021 'il quddiem. Dan jiżgura li l-kwantità globali tal-kwoti ("il-limitu massimu") se jonqos b'pass annwali miżjud li jirriżulta fi tnaqqis totali tal-emissjonijiet tas-setturi taħt l-EU ETS ta' 43 % sal-2030.

Sehem tal-irkant (l-Artikolu 10)

F'konformità mal-gwida mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 li s-sehem tal-kwoti rkantati ma għandux jonqos, il-proposta tistabbilixxi s-sehem rilevanti bħala figura perċentwali, u tikkunsidra l-elementi differenti li jiddeterminaw dan is-sehem mill-2013 sal-2020. F'termini ta' distribuzzjoni, 10 % tal-kwoti tal-EU ETS li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri se jkomplu jkunu distribwiti għall-benefiċċju ta' ċerti Stati Membri bi dħul aktar baxx għal finijiet ta' solidarjetà, tkabbir u interkonnessjonijiet, filwaqt li l-bqija tal-kwoti se jkunu kondiviżi fost l-Istati Membri kollha.

Dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni bla ħlas u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (l-Artikolu 10a u 10b)

Il-proposta tistipula li l-parametri referenzjarji għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni bla ħlas lill-industrija sejrin jiġu aġġornati biex jirriflettu l-progress teknoloġiku realizzat maż-żmien fis-setturi rilevanti. Għal dan il-għan, ser tiġi applikata rata standard bil-possibbiltà ta' applikazzjoni ta' rata modifikata fil-każ li r-rata attwali tal-progress teknoloġiku f'settur tintwera li tiddevja b'mod sostanzjali minn din ir-rata standard.

Setturi meqjusin li huma esposti għal riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju se jkomplu jirċievu allokazzjoni ogħla mill-oħrajn li għandhom kapaċità ogħla li jgħaddu l-ispejjeż rilevanti fil-prezzijiet tal-prodotti. Il-metodoloġija riveduta għall-identifikazzjoni tas-setturi u s-sottosetturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija bbażata fuq żewġ kriterji kombinati: l-intensità tal-emissjonijiet u l-intensità tal-kummerċ.

Barra minn hekk, l-allokazzjoni bla ħlas se tkun allinjata aħjar mal-livelli attwali ta' produzzjoni tas-setturi. Għal dan il-għan, l-allokazzjonijiet bla ħlas se jkunu aġġornati perjodikament, filwaqt li l-inċentivi għall-innovazzjoni jinżammu bi sħiħ u l-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-Istati Membri, l-operaturi u l-Kummissjoni jibqgħu raġonevoli.

L-allokazzjonijiet għal min jidħol ġdid u żidiet sinifikanti fil-produzzjoni sejrin ikunu pprovduti minn riżerva dedikata. Din ir-riżerva għal min jidħol ġdid ser tinħoloq b'250 miljun tal-kwoti mhux allokati mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq u tkun issupplimentata mill-kwoti li ma jintużawx minħabba l-għeluq tal-installazzjonijiet jew bidliet sinifikanti fil-produzzjoni fil-perjodu mill-2021 'il quddiem. Il-kwoti mhux allokati mingħajr ħlas mis-sehem tal-industrija sal-2020 u mhux imqiegħda fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq ukoll se jiġu miżjuda ma' din ir-riżerva għal min jidħol ġdid.

L-ispejjeż indiretti tal-karbonju (l-Artikolu 10a(6))

Rigward l-ispejjeż indiretti tal-karbonju li jirriżultaw minħabba l-ispejjeż tal-karbonju li jiġu mgħoddija fil-prezz tal-elettriku, il-proposta tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu kumpens f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u li d-dħul mill-irkantar għandu jintuża għal dan il-għan.

Installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi (emittenti żgħar) (l-Artikolu 27 u 11(1))

Rigward l-installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi, meta jitqiesu l-ispejjeż amministrattivi relattivament ogħla tagħhom taħt l-EU ETS, huwa xieraq li l-possibbiltà li jiġu esklużi tali installazzjonijiet mis-sistema tissokta. Il-proposta għalhekk tipprevedi li l-installazzjonijiet esklużi llum jistgħu jibqgħu esklużi sakemm dawn jagħmlu kontribuzzjoni ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-Istati Membri jistgħu wkoll jeskludu installazzjonijiet oħra mill-2021.

Appoġġ għall-innovazzjoni (l-Artikolu 10a (8))

L-appoġġ eżistenti fil-livell tal-UE għall-innovazzjoni huwa ssupplimentat permezz ta' 400 miljun kwota dedikata għal dawn l-iskopijiet. 50 miljun kwota addizzjonali huma miżjuda ma' dan l-ammont mill-kwoti li ma jkunux intużaw mill-2013 sal-2020 u li kieku kienu jitpoġġew fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq fl-2020. Filwaqt li t-tali appoġġ għall-innovazzjoni fil-preżent huwa limitat għall-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju u proġetti ta' enerġija rinnovabbli, il-proposta testendi dan l-appoġġ għall-industrija bil-għan li żżid l-inċentivi għal innovazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.

Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija fi Stati Membri bi dħul aktar baxx (l-Artikolu 10c u 10d)

Sabiex tappoġġja l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija fi Stati Membri bi dħul aktar baxx u tisfrutta bi sħiħ il-potenzjal tas-setturi tal-enerġija biex jikkontribwixxu għal tnaqqis kosteffettiv fl-emissjonijiet, il-proposta tipprevedi żewġ miżuri: il-kontinwazzjoni tal-allokazzjoni bla ħlas lis-settur tal-enerġija u l-ħolqien ta' Fond għall-Modernizzazzjoni.

Kif indikat diversi drabi mill-partijiet interessati, ostaklu prinċipali għall-valutazzjoni tal-effikaċja tal-allokazzjoni bla ħlas tranżitorja lis-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri huwa n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tar-regoli applikabbli kif ukoll it-twettiq tal-investimenti. Il-proposta ttejjeb it-trasparenza billi teħtieġ li l-Istati Membri jagħżlu investimenti ogħla minn ċertu livell limitu monetarju fuq il-bażi ta' proċess ta' offerti kompetittiv. Din tistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' pubblikazzjoni ċari għall-Istati Membri u tipprovdi l-Kummissjoni bil-possibbiltà li tagħmel pubblika informazzjoni importanti dwar l-investimenti mwettqa.

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni jinħoloq bi 2 % tal-kwantità totali ta' kwoti. Dawn ser ikunu rkantati skont ir-regoli stipulati fir-Regolament dwar l-Irkantar tal-EU ETS biex jiġġeneraw il-fondi meħtieġa għall-proġetti li jridu jitwettqu. Il-fondi se jkunu distribwiti bejn l-Istati Membri eliġibbli skont indikaturi predeterminati stabbiliti fl-Anness tal-proposta. Sejra tingħata attenzjoni partikolari lill-finanzjament ta' proġetti ta' skala żgħira.

Il-validità tal-kwoti (l-Artikolu 13)

Sabiex tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi, il-proposta tipprevedi li l-kwoti maħruġa għal perjodu ta' negozjar wieħed jibqgħu validi għall-perjodi ta' wara.

It-tranżizzjoni lejn is-sistema ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni ("Lisbonizzazzjoni")

Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni importanti, inkluż regolament dwar l-irkantar, regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni kif ukoll deċiżjonijiet dwar ir-regoli għall-allokazzjoni bla ħlas u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ġew adottati. Sabiex tallinja d-Direttiva mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona, il-proposta tagħti setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura rilevanti fejn tali setgħat ingħataw preċedentement lill-Kummissjoni.

2015/148 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[12],

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni sabiex tippromwovi t-tnaqqis tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti.

(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 impenja ruħu biex inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumplessivi tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet u l-mira għandha tintlaħaq b'mod kosteffettiv permezz tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) bi tnaqqis ta' 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030. Dan kien ikkonfermat fl-impenn ta' tnaqqis maħsub iddeterminat fuq livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima fis-6 ta' Marzu 2015[16].

(3) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li EU ETS riformata li tiffunzjona sew bi strument biex jistabbilizza s-suq sejra tkun l-istrument ewlieni Ewropew biex tintlaħaq din il-mira, b'fattur ta' tnaqqis annwali ta' 2,2 % mill-2021 'il quddiem, bl-allokazzjoni bla ħlas li ma tiskadiex iżda bil-miżuri eżistenti li jkomplu wara l-2020 għall-prevenzjoni

---

[12] ĠU C […], […], p. […].

[13] ĠU C […], […], p. […].

[14] ĠU C […], […], p. […].

[15] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[16] http://www4.unfccc.int/submissions/indc/Submission%20Pages/submissions.aspx

tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar it-tibdil fil-klima, sakemm ma jitwettqux sforzi komparabbli f'ekonomiji oħra ewlenin, mingħajr ma jitnaqqas is-sehem ta' kwoti li jridu jiġu rkantati. Is-sehem tal-irkant għandu jkun espress bħala figura perċentwali fil-leġiżlazzjoni, biex tittejjeb iċ-ċertezza tal-ippjanar fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' investiment, biex tiżdied it-trasparenza u sabiex is-sistema globali ssir aktar sempliċi u faċli tifhimha.

(4) Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli liċ-ċittadini tagħha. L-ilħuq ta' dan jeħtieġ kontinwazzjoni tal-azzjoni klimatika ambizzjuża bl-EU ETS bħala l-pedament tal-politika dwar it-tibdil fil-klima tal-Ewropa, u progress fuq l-aspetti l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija[17]. L-implimentazzjoni tal-ambizzjoni deċiża fil-qafas għall-2030 tikkontribwixxi għat-twassil ta' prezz tal-karbonju sinifikanti u l-kontinwazzjoni tal-istimulazzjoni tat-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(5) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-politika tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, fuq il-bażi ta' dan, id-Direttiva 2003/87/KE tipprovdi għal tranżizzjoni lejn irkantar sħiħ maż-żmien. L-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija ġustifikazzjoni biex tiġi posposta t-tranżizzjoni sħiħa, u l-allokazzjoni bla ħlas u mmirata tal-kwoti lill-industrija hija ġġustifikata sabiex jiġu indirizzati r-riskji ġenwini ta' żidiet fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi terzi fejn l-industrija mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet tal-karbonju komparabbli sakemm miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli ma jitwettqux minn ekonomiji ewlenin oħra.

(6) L-irkantar tal-kwoti tibqa' r-regola ġenerali, bl-allokazzjoni bla ħlas bħala l-eċċezzjoni. Konsegwentement, u kif ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew, is-sehem tal-kwoti li jrid jiġi rkantat, li kien 57 % matul il-perjodu mill-2013 sal-2020, ma għandux jitnaqqas. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni[18] tagħti dettalji dwar is-sehem tal-irkant u tispeċifika li dan is-sehem ta' 57 % huwa magħmul mill-kwoti rkantati f'isem l-Istati Membri, inklużi l-kwoti miżmuma għal dawk li jidħlu ġodda iżda mhux allokati, il-kwoti għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'ċerti Stati Membri u l-kwoti li jridu jiġu rkantati aktar 'il quddiem minħabba t-tqegħid tagħhom fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

(7) Sabiex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-Unjoni filwaqt li l-azzjonijiet minn pajjiżi oħra ma jagħtux inċentivi komparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet, l-allokazzjoni bla ħlas għandha tkompli għall-installazzjonijiet fis-setturi u s-sottosetturi bir-riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-esperjenza miġbura matul it-tħaddim tal-EU ETS ikkonfermat li s-setturi u s-sottosetturi huma fir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sa livelli differenti, u li l-allokazzjoni bla ħlas ippreveniet ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li ċerti setturi u sottosetturi jistgħu jitqiesu f'riskju ogħla ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, oħrajn jistgħu jgħaddu sehem konsiderevoli tal-ispejjeż tal-kwoti biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom fil-

---

[17] COM(2015)80, li tistabbilixxi Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem

[18] SEC(2015)XX

[19] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li tikkonċerna l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L […], […], p. […]).

prezzijiet tal-prodotti mingħajr ma jitilfu s-sehem fis-suq u jġarrbu biss il-parti li jifdal tal-ispejjeż u għalhekk huma f'riskju baxx ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina u tiddifferenzja s-setturi rilevanti abbażi tal-intensità tal-kummerċ u l-intensità tal-emissjonijiet tagħhom biex tidentifika aħjar is-setturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fejn, abbażi ta' dawn il-kriterji, jinqabeż livell limitu iddeterminat filwaqt li titqies il-possibbiltà rispettiva għas-setturi u s-sottosetturi kkonċernati li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti, is-settur jew is-sottosettur għandhom jitqiesu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Oħrajn għandhom jitqiesu f'riskju baxx jew fl-ebda riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kunsiderazzjoni tal-possibbiltajiet għas-setturi u s-sottosetturi barra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti għandha tnaqqas ukoll il-qligħ mhux mistenni.

(8) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati u sabiex dawn jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti tal-allokazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjonijiet bla ħlas lill-installazzjonijiet, iddeterminati fuq il-bażi tad-dejta mis-snin 2007-8, jiġu aġġornati b'konformità mat-titjib medju osservat. Għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, dan għandu jitwettaq permezz tal-applikazzjoni ta' fattur li jirrappreżenta l-aħjar valutazzjoni tal-progress fis-setturi, li mbagħad għandha tikkunsidra dejta robusta, oġġettiva u verifikata mill-installazzjonijiet sabiex is-setturi li r-rata ta' titjib tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli minn dan il-fattur ikollhom valur tal-parametru referenzjarju li jqarreb iżjed ir-rata ta' titjib attwali tagħhom. Fejn id-dejta turi differenza mit-tnaqqis tal-fattur li hija ogħla jew aktar baxxa minn 0,5 % tal-valur tal-2007-8 fis-sena matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni tal-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku fir-raffineriji u l-impjanti kimiċi, il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku għandhom ikomplu jkunu allinjati mal-parametri referenzjarji tar-raffineriji.

(9) L-Istati Membri għandhom jikkumpensaw parzjalment, skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, ċerti installazzjonijiet fis-setturi jew sottosetturi li ġew iddeterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. Il-Protokoll u d-deċiżjonijiet ta' akkumpanjament adottati mill-Konferenza tal-Partijiet f'Pariġi jeħtieġu jipprovdu għall-mobilizzazzjoni dinamika tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini tal-kapaċitajiet għall-Partijiet eliġibbli, b'mod partikolari dawk bl-inqas kapaċitajiet. Il-finanzjament mingħand is-settur pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jkompli jaqdi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti tal-klima. L-ammont ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jrid jiġi mmobilizzat se jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità tal-kontributi maħsuba determinati fil-livell nazzjonali (INDCs) proposti, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul mill-irkantar għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni.

(10) L-inċentiv ewlieni fuq terminu twil minn din id-Direttiva għall-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS), teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju huwa s-sinjal tal-prezz tal-karbonju li toħloq u li l-kwoti ma jkunux jeħtieġu li jiġu ċeduti għal emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju li jinħażnu b'mod permanenti jew jiġu evitati. Barra minn hekk, sabiex ikunu ssupplimentati r-riżorsi li diġà qed jintużaw biex jaċċelleraw id-dimostrazzjoni ta' faċilitajiet tas-CCS kummerċjali u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, il-kwoti tal-EU ETS għandhom jintużaw biex jagħtu gwadanji ggarantiti għall-iskjerament tal-faċilitajiet tas-CCS, teknoloġji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni industrijali fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fl-Unjoni għal diossidu tal-karbonju maqbud jew evitat fuq skala suffiċjenti, sakemm ikun hemm ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-maġġoranza ta' dan l-appoġġ għandha tiddependi fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li ċertu appoġġ jista' jingħata meta jintlaħqu ċerti tragwardi predeterminati filwaqt li tiġi kkunsiderata t-teknoloġija skjerata. Il-perċentwal massimu tal-ispejjeż tal-proġetti li jridu jiġu appoġġjati jista' jvarja skont il-kategorija ta' proġett.

(11) Għandu jiġi stabbiliti Fond għall-Modernizzazzjoni mit-2 % tal-kwoti totali tal-EU ETS, u għandu jiġi rkantat skont ir-regoli u l-modalitajiet għall-irkanti li jseħħu fuq il-Pjattaforma Komuni tal-Irkant stabbilita fir-Regolament 1031/2010. L-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG *per capita* skont ir-rati tal-kambju tas-suq ta' inqas minn 60 % taħt il-medja tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond għall-Modernizzazzjoni u jingħataw deroga sal-2030 mill-prinċipju ta' rkantar sħiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku billi jużaw l-għażla ta' allokazzjoni bla ħlas sabiex jippromwovu b'mod trasparenti l-investimenti reali li jimmodernizzaw is-settur tal-enerġija tagħhom filwaqt li jevitaw distorsjonoijiet tas-suq tal-enerġija intern. Ir-regoli għall-kontroll tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti, komprensiv u trasparenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni l-aktar effiċjenti possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom aċċess faċli. Il-funzjoni tal-istruttura ta' governanza għandha tkun proporzjonata bl-iskop li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi. L-istruttura ta' governanza għandha tkun komposta minn bord għall-investimenti u kumitat ta' ġestjoni u għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-kompetenzi tal-BEI fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jingħatax appoġġ lil proġetti żgħar permezz ta' self minn banek promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet permezz ta' programm nazzjonali li jikkondividi l-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-investimenti ffinanzjati permezz tal-fond għandhom ikunu proposti mill-Istati Membri. Sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-Istati Membri bi dħul baxx ikunu indirizzati kif xieraq, id-distribuzzjoni tal-fondi għandha tikkunsidra f'ishma ugwali l-emissjonijiet verifikati u l-kriterji tal-PDG. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-Modernizzazzjoni tista' tingħata permezz ta' forom differenti.

(12) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-modalitajiet, inkluża t-trasparenza, tal-allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri għandhom jittejbu. L-investimenti b'valur ta' EUR10 miljun jew iżjed għandhom jintgħażlu mill-Istat Membru kkonċernat permezz ta' proċess ta' offerti kompetittiv fuq il-bażi ta' regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni bla ħlas tintuża biex tippromwovi investimenti reali għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija b'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun ukoll għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-allokazzjoni bla ħlas. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħżel

investimenti bħal dawn fuq il-bażi ta' kriterji ċari u trasparenti. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika. Il-pubbliku għandu jkun informat kif dovut fl-istadju tal-għażla tal-proġetti ta' investiment kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom.

(13) Il-finanzjament tal-EU ETS għandu jkun koerenti ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tan-nefqa pubblika.

(14) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li huma fis-seħħ għal installazzjonijiet żgħar li għandhom jiġu esklużi mill-EU ETS jippermettu lill-installazzjonijiet li huma esklużi li jibqgħu tali, u għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jaġġornaw il-lista tagħhom ta' installazzjonijiet esklużi u għall-Istati Membri li fil-preżent mhux qed jużaw din l-għażla biex jagħmlu hekk fil-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar.

(15) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 qabel li 10 % tal-kwoti tal-EU ETS li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri għandhom jiġu distribwiti għall-benefiċċju ta' ċerti Stati Membri għal finijiet ta' solidarjetà, tkabbir u interkonnessjonijiet, filwaqt li l-bqija tal-kwoti se jkunu distribwiti fost l-Istati Membri kollha f'ishma li huma identiċi għall-ishma applikabbli fil-perjodu mill-2013-20, inkluż għall-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni matul dan il-perjodu. L-Istati Membri li kellhom PDG *per capita* taħt id-90 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013 għandhom jibbenefikaw minn din is-solidarjetà u l-Anness korrispondenti għal din id-Direttiva għandu jiġi aġġornat skont dan. Id-deroga mill-kontribuzzjonijiet lil din id-distribuzzjoni fil-perjodu mill-2013 sal-2020 għal ċerti Stati Membri b'livell ta' dħul *per capita* medju ta' iżjed minn 20 % ogħla mill-medja fl-Unjoni, għandha tiskadi.

(16) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/... tistabbilixxi Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għall-EU ETS sabiex il-provvista tal-irkantar tkun aktar flessibbli u s-sistema tkun iżjed reżiljenti. Din id-deċiżjoni tistipula wkoll li l-kwoti mhux allokati lil min jidħol ġdid sal-2020 u dawk mhux allokati minħabba ċessjonijiet u ċessjonijiet parzjali jitpoġġew fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

(17) Sabiex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) u (8), l-Artikolu 10b, l-Artikolu 10d, l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 15, l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24, l-Artikolu 24a u l-Artikolu25a tad-Direttiva 2003/87/KE. Sabiex id-delegi jitnaqqsu għall-minimu, is-setgħat eżistenti fir-rigward tat-tħaddim tar-riżerva speċjali, għall-attribuzzjoni ta' kwantitajiet ta' krediti internazzjonali li jistgħu jiġu skambjati u għall-istabbiliment ta' standards oħra għal dak li jista' jiġi skambjat u ta' aktar regoli dwar l-għadd doppju fl-Artikolu 3f(9), l-Artikolu 11a(9) u l-Artikolu 11b(7) tad-Direttiva 2003/87/KE huma mħassra. L-atti adottati skont dawk id-dispożizzjonijiet jibqgħu japplikaw. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fejn għandha x'taqsam id-delega fir-rigward tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, dawk l-Istati Membri li ma jużawx pjattaforma komuni għall-irkantar jistgħu jkomplu jagħmlu dan.

(18) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10a(2) u l-Artikolu 16(12) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni

għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni meħtieġa għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Sabiex l-atti ta' implimentazzjoni jitnaqqsu għall-minimu, is-setgħa eżistenti fl-Artikolu 11a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-kwantitajiet ta' krediti internazzjonali għall-iskambju għandha titħassar. Atti adottati skont dik id-dispożizzjoni jibqgħu japplikaw.

(19) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[21], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iżjed li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis, fejn xieraq, li t-trażmissjoni ta' dokumenti bħal dawn hija ġustikata.

(20) Din id-Direttiva tfittex li tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli fil-mod l-aktar ekonomikament effiċjenti filwaqt li tagħt żmien adegwat lill-installazzjonijiet biex jadattaw u tipprovdi għal trattament aktar favorevoli ta' persuni li huma partikolarment affettwati b'mod proporzjonat sal-livell massimu kompatibbli mal-għanijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

(21) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(22) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3d(3), it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23".

(2) Fl-Artikolu 3f jitħassar il-paragrafu 9.

(3) Fl-Artikolu 9, it-tieni u t-tielet paragrafi jinbidlu b'dan li ġej:

"Sa mill-2021, il-fattur lineari għandu jkun 2,2 %."

(4) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) tliet subparagrafi ġodda huma miżjuda mal-paragrafu 1:

"Mill-2021 'il quddiem, is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat mill-Istati Membri għandu jkun 57 %.

---

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13.

[21] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

2 % tal-kwantità totali tal-kwoti fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għandhom ikunu rkantati biex jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 10d ta' din id-Direttiva ("il-Fond għall-Modernizzazzjoni").

Il-kwantità totali li jifdal tal-kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri għandha tkun distribwita skont il-paragrafu 2.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), "88 %" huwa mibdul b'"90 %";

(ii) il-punt (b) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(b) 10 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jiġu rkantati għandhom ikunu distribwiti fost ċerti Stati Membri għal skopijiet ta' solidarjetà u tkabbir fil-Komunità, li jżid l-ammont ta' kwoti li dawk l-Istati Membri jirkantaw taħt il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa."; u

(iii) il-punt (c) huwa mħassar;

(ii) it-tielet subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Jekk meħtieġ, il-perċentwal imsemmi fil-punt (b) għandu jkun adattat b'mod proporzjonat biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tkun 10 %.".

(c) fil-paragrafu 3, jiżdiedu l-punti (j), (k) u (l) li ġejjin:

"(j) għall-finanzjament ta' miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu fil-prezzijiet tal-elettriku, sakemm dawn il-miżuri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10a(6);

(k) għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

(l) għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali."

(d) it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.”.

(5) L-Artikolu 10a huwa emendat kif ġej:

(ii) it-tieni paragrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23. Dan l-att għandu jistipula wkoll allokazzjoni addizzjonali mir-riżerva ta' dawk li jidħlu ġodda għal żidiet sinifikanti fil-produzzjoni bl-applikazzjoni tal-istess livelli limitu u aġġustamenti fl-allokazzjoni li japplikaw fir-rigward ta' ċessjonijiet parzjali tal-operazzjoni."

(b) it-tielet subparagrafu ġdid jiżdied mal-paragrafu 2 kif ġej:

"Il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas għandhom ikunu aġġustati sabiex jiġi evitat qligħ mhux mistenni u jirriflettu l-progress teknoloġiku fil-perjodu bejn l-2007 u l-2008 u kull perjodu ta' wara li għalihom l-allokazzjonijiet

bla ħlas huma determinati skont l-Artikolu 11(1). Dan l-aġġustament għandu jnaqqas il-valuri tal-parametri referenzjarji stabbiliti bl-att adottat skont l-Artikolu 10a b'1% tal-valur li kien stabbilit fuq il-bażi tad-dejta tal-2007-8 fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u n-nofs tal-perjodu rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas, sakemm:

(i) Fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tidentifika jekk il-valuri għal kull parametru referenzjarju kkalkulati bl-użu tal-prinċipji fl-Artikolu 10a ivarjawx mit-tnaqqis annwali msemmi hawn fuq b'iżjed jew inqas minn 0,5 % tal-valur tal-2007-8 fis-sena. Jekk dan huwa l-każ, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu jkun aġġustat jew b'0,5 % jew b'1,5 % fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u n-nofs tal-perjodu li għalih issir l-allokazzjoni bla ħlas;

(ii) Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni għal dan l-iskop skont l-Artikolu 22a."

(c) il-paragrafu 5 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, is-somma ta' allokazzjonijiet bla ħlas f'kull sena fejn is-somma tal-allokazzjonijiet bla ħlas ma tilħaqx il-livell massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar tal-Istat Membru, il-kwoti li jifdal sa dak il-livell għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar tal-Istat Membri fis-snin ta' wara. Fejn, madankollu, jintlaħaq il-livell massimu, l-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. Kull aġġustament bħal dan għandu jitwettaq b'mod uniformi.";

(d) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku, b'kunsiderazzjoni ta' kull effett fuq is-suq intern. Miżuri finanzjarji bħal dawn biex jikkumpensaw parti minn dawn l-ispejjeż għandhom ikunu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. "

(e) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

(i) L-ewwel u t-tieni sentenzi tal-ewwel subparagrafu huma mibdula b'dan li ġej:

"Il-kwoti mill-ammont massimu msemmi fl-Artikolu 10a(5) ta' din id-Direttiva li ma kinux allokati mingħajr ħlas sal-2020 għandhom jitwarrbu għal min jidħol ġdid u żidiet sinifikanti fil-produzzjoni, flimkien ma' 250 miljun kwota poġġuti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*).

Sa mill-2021, il-kwoti mhux allokati għall-installazzjonijiet minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 19 u 20 għandhom jiżdiedu mar-riżerva."

(*) [*daħħal it-titolu sħiħ tad-Deċiżjoni u r-referenza ĠU*]."

(ii) Il-ħames subparagrafu huwa mħassar.

(f) fil-paragrafu 8, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 8 jinbidlu b'dan li ġej:

"400 miljun kwota għandhom ikunu disponibbli biex jappoġġjaw l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-setturi industrijali elenkati fl-Anness I, u biex jgħinu jistimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti ta' dimostrazzjoni kummerċjali li għandhom l-għan ta' qbid u ħżin ġeoloġiku (CCS) ambjentalment sikur tad-diossidu tal-karbonju kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fit-territorju tal-Unjoni.

Il-kwoti għandhom ikunu disponibbli għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi industrijali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jappoġġjaw proġetti ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' CCS u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli li għadhom mhux kummerċjalment vijabbli f'postijiet ibbilanċjati ġeografikament. Sabiex ikunu promossi proġetti innovattivi, jistgħu jiġu appoġġjati sa 60 % tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti, li minnhom sa 40 % ma jeħtieġux prevenzjoni verifikata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sakemm jintlaħqu t-tragwardi predeterminati u jittieħed kont tat-teknoloġija użata.

Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/... għandhom jissupplimentaw kull riżorsa eżistenti li jifdal skont dan il-paragrafu għall-proġetti msemmija hawn fuq, bi proġetti fl-Istati Membri kollha inklużi proġetti fuq skala żgħira, qabel l-2021. Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23."

(g) il-paragrafi 9 u 10 huma mħassra.

(h) fil-paragrafu 11, il-kliem "bil-ħsieb li tintlaħaq sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda allokazzjoni gratis fl-2027" huma mħassra.

(i) il-paragrafi 12 sa 18 huma mħassra.

(6) L-Artikoli 10b u 10c jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 10b

Miżuri li jappoġġjaw ċerti industriji enerġetikament intensivi f'każ ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju

1. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott jeċċedi 0,2 bil-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi, iddefinita bħala l-proporzjon bejn il-valur totali tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi flimkien mal-valur tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u d-daqs totali tas-suq għaż-Żona Ekonomika Ewropea (il-fatturat totali flimkien mal-importazzjonijiet totali minn pajjiżi terzi), bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom, imkejla f'kgCO_2 diviża bil-valur miżjud gross (f'EUR) tagħhom, għandhom jitqiesu li huma f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Setturi u sottosetturi bħal dawn għandhom ikunu allokati kwoti mingħajr ħlas għall-perjodu sal-2030 għal 100 % tal-kwantità determinata skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10a.

2. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott mill-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom huwa ogħla minn 0,18 jistgħu jkunu inklużi fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bl-użu tal-kriterji li ġejjin:

a) il-limitu sa fejn huwa possibbli għal installazzjonijiet individwali fis-settur jew sottosetturi kkonċernati li jnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew il-konsum tal-elettriku;

(b) il-karatteristiċi tas-suq attwali u previsti;

(c) il-marġni ta' profitt bħala indikatur potenzjali ta' deċiżjonijiet ta' investiment jew rilokazzjoni fit-tul.

3. Setturi u sottosetturi oħrajn huma meqjusin li jistgħu jgħaddu aktar mill-ispejjeż tal-kwoti fil-prezzijiet tal-prodotti, u għandhom ikunu allokati kwoti bla ħlas għall-perjodu sal-2030 għal 30 % tal-kwantità determinata skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10a.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat għall-paragrafi preċedenti għall-attivitajiet fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4) sa fejn jirrigwardaw il-paragrafu 1, skont l-Artikolu 23, abbażi ta' dejta għat-tliet snin kalendarji l-aktar reċenti disponibbli.

Artikolu 10c

Għażla għal allokazzjoni bla ħlas tranżitorja għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10a(1) sa (5), l-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni jistgħu jagħtu allokazzjoni bla ħlas tranżitorja lil installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jorganizza proċess ta' offerti kompetittiv għal proġetti b'ammont totali ta' investiment li jeċċedi l-EUR10 miljun biex jiġu magħżula l-investimenti li sejrin ikunu ffinanzjati b'allokazzjoni bla ħlas. Il-proċess ta' offerti kompetittiv għandu:

(a) jikkonforma mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament indaqs u ġestjoni finanzjarja tajba;

(b) jiżgura li jkunu biss dawk il-proġetti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom, ir-ristrutturar meħtieġ, l-aġġornament ambjentali u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura, teknoloġiji ndaf u l-modernizzazzjoni tas-setturi tal-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkunu eliġibbli biex iressqu offerta;

(c) jiddefinixxi kriterji tal-għażla ċari, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji għall-klassifikazzjoni tal-proġetti, sabiex jiżgura li jintgħażlu proġetti li:

(i) fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju;

(ii) huma addizzjonali, jwieġbu b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jipprovdux żieda mmotivata mis-suq fid-domanda għall-enerġija;

(iii) joffru l-aħjar valur għall-flus;

Sat-30 ta' Ġunju 2019, kull Stat Membru li beħsiebu juża allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja għandu jippubblika qafas nazzjonali dettaljat li jistabbilixxi l-proċess ta' offerti kompetittiv u l-kriterji tal-għażla għal konsultazzjoni pubblika.

Fejn investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun huma appoġġjati b'allokazzjoni bla ħlas, l-Istat Membru għandu jagħżel il-proġetti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom jiġu ppubblikati għall-kummenti tal-pubbliku. Fuq il-bażi ta' dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi u jissottometti lista ta' investimenti lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2019.

3. Il-valur tal-investimenti maħsuba għandu jkun tal-anqas ugwali għall-valur tas-suq tal-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni lill-ħtieġa li jiġu limitati ż-żidiet fil-prezzijiet konnessi direttament. Il-valur tas-suq għandu jkun il-medja tal-prezz tal-kwoti fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena kalendarja preċedenti.

4. L-allokazzjonijiet bla ħlas tranżitorji għandhom jitnaqqsu mill-kwantità tal-kwoti li l-Istat Membru kieku kien jirkanta. L-allokazzjoni bla ħlas totali ma għandhiex tkun iżjed minn 40 % tal-kwoti li l-Istat Membru kkonċernat jirċievi fil-perjodu 2021-30 skont l-Artikolu 10(2)(a) mifruxa f'volumi annwali ugwali tul il-perjodu mill-2021-30.

5. L-allokazzjonijiet lill-operaturi għandhom isiru malli tingħata prova li twettaq investiment magħżul skont ir-regoli tal-proċess ta' offerti kompetittiv.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ġeneraturi tal-elettriku u l-operaturi tan-netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw sat-28 ta' Frar ta' kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti pubbliċi."

(7) Jiddaħħal l-Artikolu 10d li ġej:

"*Artikolu 10d*

Fond għall-Modernizzazzjoni

1. Fond li jappoġġja l-investiment fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri li kellhom PDG per capita taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013, għandu jiġi stabbilit għall-perjodu 2021-30 u jkun iffinanzjat kif stabbilit fl-Artikolu 10.

L-investimenti appoġġjati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva u l-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiċi.

2. Il-fond għandu jiffinanzja wkoll proġetti ta' investiment ta' skala żgħira fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. Għal dan il-għan, il-bord għall-investimenti għandu jiżviluppa linji gwida u kriterji ta' għażla għall-investiment speċifiċi għal proġetti bħal dawn.

3. Il-fondi għandhom ikunu distribwiti fuq il-bażi ta' kombinazzjoni ta' kriterji ta' sehem ta' 50 % tal-emissjonijiet verifikati u sehem ta' 50 % tal-PDG, li jwassal għad-distribuzzjoni stabbilita fl-Anness IIb.

4. Il-fond għandu jkun ikkontrollat minn bord għall-investimenti u kumitat ta' ġestjoni, li għandhom ikunu komposti minn rappreżentanti mill-Istati Membri li qed

jibbenefikaw, il-Kummissjoni, il-BEI u tliet rappreżentanti eletti mill-Istati Membri l-oħra għal perjodu ta' 5 snin. Il-bord għall-investimenti għandu jkun responsabbli biex jiddetermina politika ta' investiment fil-livell tal-Unjoni, strumenti ta' finanzjament xierqa u kriterji ta' għażla għall-investimenti. Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-fond.

Il-bord għall-investimenti għandu jeleġġi rappreżentant mill-Kummissjoni bħala president. Il-bord għall-investimenti għandu jistinka biex jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. Jekk il-bord għall-investimenti ma jistax jiddeċiedi b'kunsens fl-iskadenza stabbilita mill-president, il-bord għall-investimenti għandu jieħu deċiżjoni permezz ta' maġġoranza sempliċi.

Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti maħtura mill-bord għall-investimenti. Id-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' ġestjoni għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi.

Jekk il-BEI jirrakkomanda li investiment ma jiġix iffinanzjat u jagħti raġunijiet għal din ir-rakkomandazzjoni, deċiżjoni għandha tiġi adottata biss jekk maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha jivvotaw favur tagħha. L-Istat Membru li fih ikun se jitwettaq l-investiment u l-BEI ma għandhomx ikunu intitolati li jivvotaw f'dan il-każ. Iż-żewġ sentenzi ta' qabel ma għandhomx japplikaw għal proġetti żgħar iffinanzjati permezz ta' self ipprovdut minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali li jservi għanijiet speċifiċi f'konformità mal-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, sakemm taħt il-programm ma jintużax iżjed minn 10 % tas-sehem tal-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIb.

5. L-Istati Membri li jibbenefikaw għandhom jirrapportaw kull sena lill-kumitat ta' ġestjoni dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fond. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi:

(a) informazzjoni dwar l-investimenti ffinanzjati għal kull Stat Membru li jibbenefika;

(b) valutazzjoni tal-valur miżjud f'termini ta' effiċjenza fl-enerġija jew modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija miksuba permezz tal-investiment;

6. Kull sena, il-kumitat ta' ġestjoni għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni u l-għażla tal-investimenti. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-bażi li fuqha jkunu ntgħażlu l-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2024 u, fejn xieraq, tagħmel proposti lill-kumitat ta' ġestjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23 biex timplimenta dan l-Artikolu."

(8) Fl-Artikolu 11(1), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Lista ta' installazzjonijiet koperti minn din id-Direttiva għall-ħames snin li jibdew mill-1 ta' Jannar 2021 għandha tiġi sottomessa sat-30 ta' Settembru 2018, u listi għall-ħames snin sussegwenti għandhom ikunu sottomessi kull ħames snin minn hemm 'il quddiem. Kull lista għandha tinkludi informazzjoni dwar l-attività ta' produzzjoni, it-trasferimenti tas-sħana u l-gassijiet, il-produzzjoni tal-elettriku u l-emissjonijiet fil-livell ta' subinstallazzjoni tul il-ħames snin kalendarji li jippreċedu s-sottomissjoni tagħha. L-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom jingħataw biss lil installazzjonijiet fejn tiġi pprovduta tali informazzjoni."

(9) Fl-Artikolu 11a, jitħassru l-paragrafi 8 u 9.

(10) Fl-Artikolu 11b jitħassar il-paragrafu 7.

(11) L-Artikolu 13 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 13

Il-validità tal-kwoti

Il-kwoti maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem għandhom ikunu validi għal perjodu indefinit. Il-kwoti maħruġa mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem għandhom jinkludu indikazzjoni li turi f'liema perjodu ta' għaxar snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2021 inħarġu, u jkunu validi għall-emissjonijiet mill-ewwel sena ta' dak il-perjodu 'l quddiem."

(12) Fl-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.".

(13) Fl-Artikolu 15, il-ħames subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.".

(14) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 12 huwa mibdul b'dan li ġej:

"12. Fejn xieraq, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati rigward il-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22a.".

(15) Fl-Artikolu 19(3),(ii) it-tielet sentenza hija mibdula b'dan li ġej:

"Għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jimplimentaw regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti fi ftehimiet biex jiġu konnessi l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23."

(16) Fl-Artikolu 22, it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23".

(17) Jiddaħħal l-Artikolu 22a li ġej:

"Artikolu 22a

Il-proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni93/389/KEE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.".

(18) L-Artikolu 23 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 23

L-eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) u (8), l-Artikolu 10b, l-Artikolu 10d, l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 15, l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24, l-Artikolu 24a u l-Artikolu 25a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn (*).

(*) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-att leġiżlattiv bażiku.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2 tista' tiġi rrevokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni għandha tintemm permezz ta' deċiżjoni ta' revoka. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hi ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont il-paragrafi preċedenti għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(19) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(ii) il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, skont din id-Direttiva, għall-attivitajiet u għall-gassijiet serra li mhumiex imniżżla fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kriterji kollha rilevanti, speċjalment l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali tal-iskema Komunitarja u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rrappurtar li tkun ippjanata, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet u gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni.

Skont l-atti delegati li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 23, jekk l-inklużjoni tirreferi għal attivitajiet u gassijiet serra li mhumiex elenkati fl-Anness I.";

(b) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għal regolament bħal dan għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u d-dejta tal-attività skont l-Artikolu 23".

(20) L-Artikolu 24 a huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Tali miżuri għandhom ikunu konsistenti mal-atti adottati skont l-Artikolu 11b(7). Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.".

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar.

(21) L-Artikolu 25(2) huwa mħassar.

(22) Fl-Artikolu 25a, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima minn titjiriet li jitilqu minn dak il-pajjiż li jinżlu fil-Komunità, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-pajjiż terz, u mal-Istati Membri fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23(1), għandha tqis l-għażliet disponibbli sabiex tistipula l-aħjar interazzjoni bejn l-iskema tal-Komunità u l-miżuri ta' dak il-pajjiż.

Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' taddotta emendi biex tipprovdi għal tijiriet li jaslu mill-pajjiż terz ikkonċernat sabiex dawn jiġu esklużi mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I jew biex tipprovdi għal kull emenda oħra għall-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I li hija meħtieġa minn ftehim skont ir-raba' subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta emendi bħal dawn skont l-Artikolu 23."

(23) L-Anness IIa huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Direttiva.

(24) L-Anness IIb huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Direttiva.

(25) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness III ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati mit-tali referenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3
Dispożizzjoni tranżitorja

Meta jikkonformaw mal-obbligu tagħhom kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li tittrasponi l-Artikolu 10, l-Artikolu 10a(5) sa (7), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 10a(8), l-Artikolu 10a(12) sa (18), l-Artikolu 10c u l-Artikolu 11a(8) u (9) u l-Anness IIa u l-Anness IIb tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni (UE) 2015/…, tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*

Għall-Kunsill *Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju

1.2. Il-qasam/oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB[22]

Qasam ta' politika: Azzjoni Klimatika

Attività tal-ABB: Azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali (Kodiċi ABB 34 02)

Qasam ta' politika: Enerġija (Kodiċi ABB 32 02)

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[23]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

✓ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Din il-proposta hija l-ewwel leġiżlazzjoni li timplimenta l-pakkett għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 li qabel fuqu l-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014, sabiex tinkiseb il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 tal-UE ta' mill-inqas -40 % mqabbel mal-1990 domestikament b'mod kosteffettiv u tikkontribwixxi għal-limitazzjoni tat-tisħin globali.

Din il-proposta hija parti mill-għaxar prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, element importanti tal-Qafas Strateġiku għall-Unjoni tal-Enerġija.

1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiċi u l-attività(jiet) ABM/ABB kkonċernati

<u>Għan speċifiku Nru 1</u>

Li tirrevedi d-Direttiva tal-EU ETS b'mod li jiżgura li l-emissjonijiet fl-EU ETS jitnaqqsu bi 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030.f

<u>Għan speċifiku Nru 2</u>

Li tippromwovi innovazzjoni b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u tistabbilixxi, għas-setturi industrijali, dispożizzjonijiet xierqa li jindirizzaw ir-riskju potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fin-nuqqas ta' miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli f'ekonomiji kbar oħrajn.

<u>Għan speċifiku Nru 3</u>

---

22 ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġittjar ibbażat fuq l-attività.

23 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Li timplimenta aspetti oħrajn relatati mal-ETS tal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.

<u>Attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati:</u>

Azzjoni klimatika/ Azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali

1.4.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt*

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Id-Direttiva tal-EU-ETS teżisti u tkompli tkun fis-seħħ wara l-2020. Din l-inizjattiva:

- temenda l-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet annwali sabiex il-kwantità ta' kwoti maħruġa kull sena madwar l-Unjoni mill-2021 'il quddiem tonqos b'fattur lineari ogħla ta' 2,2 %.

- tiggarantixxi li l-allokazzjoni bla ħlas lill-industrija tkompli wara l-2020 tindirizza r-riskju potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, sakemm ma jitwettqux politiki dwar it-tibdil fil-klima komparabbli minn ekonomiji ewlenin oħrajn.

- iżżomm il-Fond għall-Innovazzjoni bħala sforz aktar intensiv biex jiġu introdotti aktar malajr teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-suq li jippermetti l-UE tilħaq l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq terminu twil tagħha.

- tistabbilixxi l-Fond għall-Modernizzazzjoni u allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja lis-settur tal-enerġija biex jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija fi Stati Membri bi dħul aktar baxx.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Indikatur nru 1: il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE.

Indikatur nru 2: il-livell ta' emissjoni għas-setturi fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) tal-UE.

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jridu jinkisbu fuq perjodu ta' żmien medju jew fit-tul*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva u l-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti għall-perjodu wara l-2020.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Id-Direttiva tal-EU-ETS teżisti u tkompli tkun fis-seħħ wara l-2020. It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali. Billi l-għan tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, il-koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika fil-livell Ewropew u, fejn possibbli, fil-livell globali hija meħtieġa u l-azzjoni tal-UE hija ġustifikata għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. Barra minn hekk, ħafna mill-elementi ta' politika għandhom dimensjoni

tas-suq intern importanti u ħafna mill-investimenti meħtieġa għandhom dimensjoni Ewropea importanti. Għalhekk, l-għanijiet jistgħu jinkisbu aħjar permezz ta' qafas tal-UE għall-azzjoni.

1.5.3. *It-tagħrif miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-Kummissjoni kisbet esperjenza siewja matul l-10 snin li l-EU ETS ilha taħdem. L-esperjenza turi li għad hemm potenzjal biex titjieb l-effiċjenza grazzi għal sforzi aktar intensivi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni. L-isforzi aktar intensivi ta' investiment għandhom jgħinu fl-immodernizzar tas-sistema tal-enerġija (fond għall-modernizzazzjoni) fi Stati Membri bi dħul aktar baxx.

1.5.4. *Il-kompatibilità u s-sinerġija possibbli ma' strumenti adatti oħra*

Is-sinerġiji se jiġu sfruttati bl-użu tal-kompetenzi eżistenti tal-Kummissjoni fil-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji u l-esperjenza miksuba taħt l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE-BEI.

1.6. It-terminu u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta’ **terminu limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett mill-SSSS sal-SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sa SSSS

✓Proposta/inizjattiva ta’ terminu **terminu illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu għat-tnedija mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita minn tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu(i) ta’ ġestjoni previst(i)[24]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

✓ **Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega ta' kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ✓il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta’ servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi regolati mil-liġi privata ta’ Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta’ sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn modulu wieħed ta’ ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

Il-ġestjoni tal-kwoti tal-EU ETS issir permezz ta' leġiżlazzjoni li għaliha huma responsabbli d-dipartimenti tal-Kummissjoni. Il-Fond għall-Modernizzazzjoni għandu jkun ikkontrollat minn bord għall-investimenti u kumitat ta' ġestjoni, li għandhom ikunu magħmulin minn rappreżentanti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-BEI. Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni.

[24] Id-dettalji dwar il-metodi ta’ ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit web BudgWeb li ġej: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. IL-MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni: Skont l-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE kif introdott mill-proposta, l-Istati Membri li jibbenefikaw għandhom jirrapportaw kull sena lill-kumitat ta' ġestjoni dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fondi. Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni u l-għażla tal-investimenti fi żmien sitt xhur minn meta jkun ikkompletat il-proċess ta' għażla.

Fir-rigward tal-Artikolu 10c, l-Istati Membri huma eliġibbli biex jużaw l-allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja biex jippromwovu investimenti għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija u jridu jirrapportaw dwar l-investimenti lill-Kummissjoni.

Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2003/87/KE kif japplika issa, kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju Ewropew skont l-Artikolu 10(5) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

L-EU ETS hija l-mekkaniżmu politiku ewlieni biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-UE minn madwar nofs l-ekonomija. Sa mill-2013, il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tipprovdi Reġistru tal-Unjoni, bażi ta' dejta onlajn li tipprovdi kontabbiltà preċiża għat-tranżazzjonijiet kollha tal-kwoti, pjattaforma komuni tal-irkant għall-irkantar tal-kwoti tal-Istati Membri u l-infrastruttura ta' appoġġ rilevanti għat-tnejn. Ir-Reġistru tal-Unjoni li fih jinżammu l-kwoti taħt l-EU ETS huwa mhedded mir-riskju ta' attakki ċibernetiċi frodulenti li jistgħu jirriżultaw fis-serq jew fil-miżapproprjazzjoni tal-kwoti li jwassal għal telf finanzjarju sinifikanti (sa diversi biljuni ta' euro), litigazzjoni legali u impatt konsiderevoli fuq ir-reputazzjoni u l-kredibbiltà tal-Kummissjoni. Ir-riskju huwa trasversali u flimkien mad-DĠ CLIMA, jinvolvi lid-DĠ DIGIT, HR-DS, BUDG u LS. Ġew stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni. Ir-riskju finanzjarju għandu jiżdied f'konformità mal-valur tas-suq tal-karbonju. Id-distribuzzjoni ta' kwoti bla ħlas għal valur totali għoli ħafna jeħtieġ ukoll politiki stretti dwar kif dawn il-kwoti jistgħu jiġu distribwiti, u l-assigurazzjoni tar-rispett tar-regoli eżistenti. Dan jinvolvi sistema ta' ġestjoni u kontroll fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-Kummissjoni.

2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta’ kontroll intern

Kumitat ta' Ġestjoni ta' Livell Għoli li jinvolvi d-DĠ ewlieni u d-DĠ assoċjati ilu stabbilit sa mill-2011. Valutazzjoni tar-riskju sħiħa twettqet fl-2014 li identifikat

miżuri ta' sigurtà tal-IT ġodda li ttieħdu sa mill-2015. Bħala riżultat tar-rakkomandazzjonijiet imressqin mill-IAS fir-rapport tal-awditjar tiegħu dwar ir-Reġistru tal-EU ETS (sigurtà tal-IT), ġew implimentati miżuri biex tittejjeb iżjed is-sigurtà tas-sistema tar-reġistru kif ukoll il-miżuri dwar il-governanza, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-ittestjar. Azzjonijiet oħra ta' mitigazzjoni qed jiġu implimentati sa' mill-2014. Dan huwa proċess kontinwu.

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

Ir-riskju ta' żball mhuwiex applikabbli.

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew ippjanati.

Bħala tweġiba għar-riskji speċifiċi ta' frodi għall-EU ETS, id-DĠ CLIMA saħħaħ il-linji gwida ta' madwar il-Kummissjoni dwar l-etika u l-integrità professjonali permezz ta' "Kodiċi ta' Etika u Kondotta relatat mal-abbuż minn informazzjoni privileġġata, il-frodi u l-iżvelar ta' informazzjoni sensittiva", it-taħriġ speċifiku u l-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni. Dan żviluppa wkoll Politika ta' Klassifikazzjoni ta' Informazzjoni Sensittiva tal-EU ETS u l-istruzzjonijiet ta' trattament relatati bi 3 livelli ta' sensittività. It-tliet marki tal-ETS relatati huma approvati mid-DĠ HR-DS (kif imsemmi fl-Avviż tas-Sigurtà 1 fir-reviżjoni 10 tiegħu). Id-DĠ HR-DS iqis li din il-politika dwar l-immarkar għandha sservi bħala eżempju għal DĠ oħrajn. Sessjonijiet ta' taħriġ xierqa għal dawk li għadhom jidħlu ġodda huma organizzati fuq bażi regolari. Id-DĠ CLIMA qed jippjana li jestendi din il-politika għall-utenti fl-Istati Membri.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa milquta

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux -diff[25].	minn pajjiżi tal-EFTA[26]	minn pajjiżi kandidati[27]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
2	34 01 04 01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
2	34 02 01	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba: Mhux applikabbli.

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura………………………...………… …]	Diff./Mhux -diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

[25] Diff:= Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[26] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[27] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

DĠ: CLIMA			**2018[28]**	**2019**	**2020**	**2021 u s-snin ta' wara**	**TOTAL**
Linja baġitarja 34 02 01	Impenji	(1)	0,750	MA	MA	MA	0,750
	Pagamenti	(2)	0,250	0,500	MA	MA	0,750
Linja baġitarja 34 01 04 01	Impenji	(1a)	0,27	0,27	0,27	0,27	2,7
	Pagamenti	(2a)	0,27	0,27	0,27	0,27	2,7
Approprjazzjonijiet TOTALI għal DĠ CLIMA	Impenji	=1+1 a +3	0,27	0,27	0,27	0,27	2,7
	Pagamenti	=2+2 a +3	0,27	0,27	0,27	0,27	2,7
• TOTAL ta' approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)					
	Pagamenti	(5)					
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	1,020	0,27	0,27	0,27	3,450
	Pagamenti	=5+ 6	0,520	0,770	0,27	0,27	3,450

<u>Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:</u>

28 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		2018[29]	**2019**	**2020**	**2021 u s-snin ta' wara**	**TOTAL**
• Riżorsi umani		0,4	0,4	0,4	0,792	**6,744**
• Infiq amministrattiv ieħor		0,539	0,539	0,539	0,404	**4,445**
TOTAL DĠ CLIMA	Approprjazzjonijiet					

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0,939	0,939	0,939	1,196	**11,189**

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		2018[30]	**2019**	**2020**	**2021**	**TOTAL**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,959	1,209	1,209	1,466	**14,639**
	Pagamenti	1,959	1,209	1,209	1,466	**14,639**

29 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

30 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ✓ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali[31], kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sa tliet punti deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs			2018		2019		2020		2021 u s-snin ta’ wara		**TOTAL**	
⇩	Tip[32]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Spiża totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[33]												
- Output	Numru ta' studji	0,250	1	0,250	-	-	-	-	-	-	-	-
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1			1	0,250	-	-			-	-	-	-
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...												
- Output	Numru ta' studji	0,250	1	0,250	-	-	-	-	-	-	-	-
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2			1	0,250	-	-	-	-	-	-	-	-
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3 ...												
- Output	Numru ta' studji	0,250	1	0,250	-	-	-	-	-	-	-	-
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3			1	0,250	-	-			-	-	-	-
SPIŻA TOTALI			3	0,750	-	-	-	-	-	-	-	-

[31] L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1293/2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) 2014-2020, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 347/185 tal-20 ta' Diċembru 2013.

[32] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[33] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiċi…"

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

	2018[34]	**2019**	**2020**	**2021 u s-snin ta' wara**	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	0,4	0,4	0,4	0,792	**6,744**
Infiq amministrattiv ieħor	0,539	0,539	0,539	0,404	**5,195**
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,939	0,939	0,939	1,196	**11,939**
Barra l-INTESTATURA 5[35] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**					
Riżorsi umani	-	-	-	-	-
Nfiq ieħor ta' natura amministrattiva	0,270	0,270	0,270	0,270	**2,7**
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,270	0,270	0,270	0,270	**2,7**
TOTAL	1,209	1,209	1,209	1,466	**14,639**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nfiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati mill-approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew immobilizzati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura tal-allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

34 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

35 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, u riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid titniżżel f'unitajiet ekwivalenti għal full time

		2018[36]	2019	2020	2021 u s-snin ta' wara
34 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		3	3	3	6
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01 (Riċerka diretta)					
34 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")					
34 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)					
34 01 04 **01** [37]	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL		3	3	3	6

XX huwa l-qasam tal-politika jew l-intestatura baġitarja kkonċernata.

L-approprjazzjonijiet tar-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew immobilizzati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed jimmaniġġja skont il-proċedura tal-allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tad-dmirijiet li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-ġbir tad-dejta, il-kalkolu tal-allokazzjonijiet industrijali u l-preparazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rilevanti, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali pprovduti mill-Istati Membri, il-pubblikazzjoni tar-rapporti, il-ġestjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni.
Persunal estern	

36 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

37 Sottolimitu massimu, għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu intestaturi "BA").

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

- ✓ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva se tkun timplika riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-possibbiltajiet ta' mobilizzazzjoni interna fid-DĠ CLIMA ġew eżawriti, u huma meħtieġa aġġustamenti mill-ġdid fl-intestaturi 2 u 5 tal-QFP fil-limiti tal-livelli massimi, minħabba li jridu jitwettqu kompiti ġodda addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ġodda ta' din l-inizjattiva: għandu jiġi allokat baġit addizzjonali taħt l-intestaturi 2 u 5 mill-2018 sabiex ikopri l-baġit tal-persunal, tal-laqgħat u tal-missjonijiet meħtieġa biex jitwettqu żewġ ġabriet ta' dejta għal kull perjodu ta' negozjar (minflok waħda kif isir fil-preżent), u l-ġestjoni tal-fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni. Ara d-dettalji fit-tabelli taħt 3.2.3. Ma nistgħux niġġudikaw minn qabel id-deċiżjonijiet tal-awtorità tal-baġit dwar il-QFP li jmiss, iżda minħabba li l-inizjattiva hija ppjanata biex tkompli wara l-2027, inqisu li l-istess ammont għandu jkun ipprogrammat mill-ġdid fil-QFP li jmiss.

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament mingħand terzi persuni.
- ~~The proposal/initiative provides for the co-financing estimated below~~:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ✓ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[38]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għal dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja jew il-linji tan-nefqa tal-baġit affettwati.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[38] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.